**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 6 ta` April 2017**

**Rikors Nru. 958/16 JZM**

**Fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru num. 744/2016: Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**Emanuel Zammit (ID 221460M) u Rosanne Zammit (ID 23782M)**

**Il-Qorti :**

## A. Preliminari

Rat ir-rikors ta` Emanuel Zammit ipprezentat fis-7 ta` Ottubru 2016 li jaqra hekk:–

*1. Illi ai termini tad-digriet moghti fil-31 ta` Awwissu 2016 minn din l-Onorabbli Qorti gie stabbilit li ghall-pagamenti futuri x`ammonti ghandu jircievi.*

*2. Illi fir-rikors originali kien hemm talba wkoll li mis-salarji precedenti tieghu u li gew mizmuma permezz tal-mandat ta` sekwestru huwa jigi awtorizzat jizbanka l-ammont ta` sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) fix-xahar.*

*3. Illi minn meta huwa pprezenta l-imsemmi rikors tat-23 ta` Mejju 2016 kien hemm iktar pagamenti mensili li gew lilu mizmuma pendenti d-digriet imsemmi.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkurdalu t-talba tieghu sabiex ikun jista` jizbanka l-ammont tas-salarju li huwa lilu dovut ai termini tal-ligi fl-ammont ta` sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) fix-xahar ghal kull pagament mizmum.*

Rat ir-risposta pprezentata fit-18 ta` Ottubru 2016 li taqra hekk:–

*Illi l-ewwelnett u qabel kollox, bl-akbar rispett, l-esponenti umilment tissottometti li t-talba kif impustata hija guridikament nulla, irrita u inammessibbli stante li ma hemm l-ebda indikazzjoni cara ta` ammont ta` salarju illi l-esponenti qed jippretendi u minn fejn tali ammont ta` salarju ghandu jigi zbankat. Jigi umilment sottomess li tali talbiet in vacuo ma jistax ikun hemm risposta ghalihom anke minhabba l-principju generali tad-dritt li l-intimat ghandu dritt ikun jaf x`inhija t-talba li qed issir kontra tieghu sabiex huwa jkun jista` jirrispondi ghaliha.*

*Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, jekk ir-rikorrent qieghed b`xi mod jghid illi minbarra s-somma akkordata lilu permezz tad-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti tal-31 ta` Mejju 2016 huwa ghandu jigbed mill-Bank of Valletta xi somom ulterjuri ta` flus ghal xhur anticedenti ghall-istess digriet, l-ewwelnett l-esponent kellu jispecifika ghal liema xhur qieghed jirreferi u t-tieni, anke kieku l-esponent ghamel dan, l-esponenti umilment terga` taghmel referenza ghall-gurisprudenza pacifika u kostanti tal-Qrati taghna li mhux konsentit fil-ligi li wiehed jissottometti li xi parti minn xi somma ta` flus issekwestrata ghand xi bank kienet xi darba provenjenti minn xi parti ta` salarju, u li gialadarba l-flus ikunu depozitati f`kont bankarju, dawn ghandhom jigu prezunti li jiffurmaw parti mid-depoziti bankarji generali tal-klijent u mhux li huma salarju.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet u ghar-ragunijiet li huma ahjar imfissra fir-risposta taghha tat-30 ta` Mejju 2016 fl-atti ta` dan il-Mandat, l-esponenti*

*umilment tissottometti li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu.*

Rat id-digriet li tat fl-14 ta` Novembru 2016.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta` Novembru 2016.

Semghet ix-xiehda ta` Audrey Ghigo bhala rapprezentant ta` HSBC Bank Malta plc.

Rat in-nota ta` referenzi tal-bank intimat.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat illi r-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

Rat l-atti.

Dan huwa l-provvediment.

**Ikkunsidrat :**

Jirrizulta illi fis-17 ta` Mejju 2013 il-bank intimat talab il-hrug ta` mandat ta` sekwestru kontra r-rikorrent u martu Rosanne Zammit billi huwa kreditur tal-ammont ta` EUR 15,094.86c. Kienu ndikati s-sekwestratarji fosthom HSBC Bank Malta plc. It-talba kienet akkordata u l-mandat hareg fis-17 ta` Mejju 2016.

Jirrizulta illi fis-23 ta` Mejju 2016, Emanuel Zammit ipprezenta rikors fejn talab li tigi rilaxxjata s-somma ta` EUR 698.81c mill-operat tal-mandat jew li s-sekwestrat jigi awtorizzat jghaddi lilu dak l-ammont direttament, jew jekk depozitati fir-registru ta` l-qorti jigi awtorizzat li jizbanka mill-istess dan l-ammont.

Jirrizulta illi fil-31 ta` Awissu 2016 inghata digriet li jghid :-

*Tipprovdi dwar it-talba ta` Emanuel Zammit billi qeghda tordna li mis-salarju tieghu, l-istess Emanuel Zammit ghandu jibqa` jircievi minghand il-Gvern ta` Malta, li huwa l-employer tieghu, somma ta` mhux aktar minn sitt mija tmienja u disghin Ewro wiehed u tmenin centezmu (EUR 698.81) kull xahar, liema ammont kull xahar ma ghandux ikun soggett ghall-operat tal-Mandat fuq riferit.*

Imbaghad sar ir-rikors tal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Il-bank intimat wiegeb ghat-talba kif dedotta fir-rikors tal-lum billi rrileva li t-talba hija guridikament nulla, irrita u inammissibbli ghaliex ma hemmx indikazzjoni cara ta` l-ammont ta` salarju li r-rikorrent qed jippretendi, u minn fejn dak l-ammont ta` salarju ghandu jigi zbankat. Kien rimarkat illi talba ma tistax issir in vacuo ; bhala intimat il-bank kellu dritt ikun jaf x`inhi t-talba li qed issir fil-konfront tieghu sabiex ikun jista` jirrispondi ghaliha.

Il-Qorti tqis illi waqt l-ewwel udjenza tas-smigh tar-rikors, saret taf illi t-talba tar-rikorrent tirreferi ghal salarji li kienu depozitati fl-HSBC Bank Malta plc, fejn tidhol direttament il-paga tar-rikorrent. Kien spjegat lill-Qorti illi r-rikors kellu jsir peress li bejn iz-zmien meta kien akkordat il-mandat de quo u cioe` s-17 ta` Mejju 2016 sal-31 ta` Awissu 2016 id-data fejn inghata l-provvediment dwar ir-rikors ta` Emanuel Zammit tat-23 ta` Mejju 2016 kienet depozitata l-paga tieghu fl-intier taghha fil-kont li ghandu fl-HSBC Bank Malta plc. Kien ghalhekk li l-qorti accettat illi tisma` x-xiehda ta` rapprezentant ta` HSBC Bank Malta plc. Fil-fatt ghal dan il-ghan xehdet Audrey Ghigo, li qalet illi l-kont in kwistjoni jgib in-nru 042066308050 u u kien fl-isem ta` Emanuel Zammit (KI 221460M).

Mid-deposizzjoni ta` Audrey Ghigo, irrizulta fiz-zmien indikat mir-rikorrent thallsu dawn l-ammonti :-

18 ta` Mejju 2016 :
depozitu ta` EUR 1,149.51c
minn Public Service of Malta
*payroll period* - 22/04/2016 sad-19/05/2016

15 ta` Gunju 2016 :
depozitu ta` EUR 1,059.87c
minn Public Service of Malta

*payroll period* - 20/05/2016 sad-16/06/2016

13 ta` Lulju 2016 :
depozitu ta` EUR 1,001.86c
minn Public Service of Malta
*payroll period* - 17/06/2016 sad-14/07/2016

Meta kienu ezaminati l-i*statements* li kienu esebiti minn HSBC Bank Malta plc, ma rrizultawx depoziti ohra relattivi ghaz-zmien in kwistjoni.

Accertati l-fatti, il-Qorti tirrileva illi tinsab rinfaccjata b`talba sabiex dik il-parti tas-salarju tar-rikorrent li hija protetta bl-Art 381(1)(a) tal-Kap 12, u li lahqet kienet depozitata fil-kont fuq riferit, ghandha tigi rilaxxjata favur ir-rikorrent mill-bank sekwestratarju. It-talba qeghda ssir minkejja li d-digriet sabiex dik il-parti tas-salarju protetta mill-ligi ma tkunx soggetta ghall-operat tal-mandat ta` sekwestru nghatat fil-31 ta` Awissu 2016.

Min-naha tieghu, il-bank kreditur jaghmel l-argument illi skont gurisprudenza pacifika u kostanti ta` dawn il-qrati, mhux konsentit ir-rilaxx ta` xi parti minn somma ta` flus sekwestrata fl-idejn ta` bank, anke provenjenti minn salarju, ladarba l-flus ikunu dahlu fil-kont, ghaliex hemm il-presunzjoni li l-flus ikunu jaghmlu parti mid-depozitu generali tal-klijent mhux mis-salarju. Il-bank iccita gurisprudenza in sostenn tal-posizzjoni tieghu.

Il-Qorti rat il-gurisprudenza citata.

Fil-procediment citat u cioe` dak ta` bejn il-**<u>Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta` l-Ilma pro et noe u Nazzareno Panteleresco</u>**" saret talba mid-debitur sabiex il-pensjoni tieghu, li kienet tidhol fil-Bank of Valletta plc, ma tkunx soggetta ghall-mandat ta` sekwestru u li l-qorti taghti l-privilegg legali sas-somma ta` EUR 699. Il-korporazzjoni kreditrici sostniet li d-Direttur tas-Sigurta` Socjali (li johrog il-pensjoni tad-debitur) ma kienx sekwestratarju. Ghalhekk il-mandat ta` sekwestru sar fuq il-flus li d-debitur kellu fil-bank u mhux fuq il-pensjoni. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet it-talba ta` d-debitur.

Fi procediment l-iehor citat u cioe` dak ta` bejn "**<u>Bank of Valletta u Valerie Cutajar</u>**", is-salarju ta` Valerie Cutajar, li kienet impjegata ta` Sterling Jewellers Limited, kien jidhol direttament go kont li kellha ma` HSBC Bank Malta plc. Il-bank kreditur kiseb il-hrug ta` mandat ta`

sekwestru li laqat il-flus kollha li kienu depozitati fil-kont. Id-debitrici talbet sabiex l-ewwel Lm 300 mill-flus li kienu depozitati ma jintlaqtu bl-effett tal-mandat. Il-bank kreditur ghamlet l-istess argumenti li qed jaghmlu fil-kaz tal-lum. Il-Qorti hemm qalet hekk :-

*Illi r-rikorrenti tikkontendi li dak li gie premess, jmur kontra dak li jinghad fl-artikolu 381 u 382 tal-istess Kodici citat. L-istess artikoli jghidu espressament illi ma jistax jinhareg madat ta` sekwestru fuq `salarju jew paga…` hlief in rigward l-eccess fl-istess paga jew salarju oltre Lm 300 ossija EUR 698.81 fix-xahar. Dan jigifieri illi s-sitwazzjoni hi cara dwar il-projbizzjoni ta` hrug ta` mandate bhal dak in ezami. Pero` da nil-kaz trattasi ta` mandate mahrug mhux f` idejn minn qed ihaddem ir-rikorrenti, bhala sekwestratarju izda f` idejn Bank lokali vis- a`-vis kont bankarju li l-istess rikorrenti tippossjedi u li fih is-sarlarju jew paga taghha jigi kreditat meta jkun dovut.*

*Illi, meta dan jigri, jidher li l-istess slarju ossija paga ma jibqax tali izda jifforma parti, <u>mill-mument tad-depozitu </u> tal-assi mobbli in generali tal-istess impjegat.*

*Illi, konsegwentement, minn dan il-mument, flimkien ma` flejjes ohra li jigu depozitati fl-istess kont dak kollu lihemm fih ikun soggett, skont il-ligi ghal mandat ta` sekwestru.*

*Illi, minhabba dak premess, jidher li din il-Qorti ma tistax taghti r-rimedju mitlub fir-rikors ine zami billi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirtira mill-kont taghha s-somma ta` EUR 698.81 kull xahar kif mitlub.*

Fi procediment iehor citat, u cioe` dak ta` bejn "**<u>Mobisle Communications Limited u Christopher Scerri</u>**" id-debitur ghamel talba sabiex l-ammont ta` EUR 455.19 li kien beneficcju li kien jircievi skont l-Att dwar is-Sigurta Socjali, u li kien sekwestrat go kont mal-Bank of Valletta plc, ma jibqax kolpit bl-effetti tal-mandat. Il-Qorti cahdet it-talba. Qalet :-

*Peress illi ma jirrizultax li s-somma mertu ta` dan ir-rikors giet depozitata that l-Awtorita` ta` din il-qorti jidher car li r-rikorrent qed jitlob ir-revoka tal-mandat ta` sekwestru in kwantu tirrigwarda l-kont minnu indikat fir-rikors ghas-somma ta` Eur 455.19c ;*

*Peress illi l-mandat inhareg fir-rigward tal-Bank of Valletta gja sekwestratarju u b` hekk jeffetwa kontijiet bankarji ma hemmx lok ghar-revoka fir-rigward ta` tali kontijiet bankarji indipendentement mill-origini tad-depozitu effettwat fih ;*

*Una volta li jsir id-depozitu fil-kont bankarju l-istess jinsab soggett ghall-effetti tal-mandat ;*

*Peress illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi l-projbizzjoni kontemplata fl-Art 381(1)(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ma tapplikax ;*

*Tichad it-talba.*

Din il-Qorti qieset ukoll gurisprudenza ohra.

Tirreferi ghall-provvediment li nghata fis-6 ta` Marzu 2013, fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Numru 445/12 JAB fl-ismijiet : **Nazzareno Vassallo vs Rosanne Zammit** fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta), wara li ghamlet referenza ghall-Art 318(1)(a) u (b) tal-Kap 12, irrilevat illi :-

*Dan l-artikolu huwa applikabbli meta s-sekwestrarji ikunu l-employers u/jew dipartiment u ma hux applikabbli meta s-sekwestrarji jkunu il-banek. Dan ghaliex hekk kif flejjes jigu depozitati f`kont bankarju huma jigu meqjusa bhala depozitu kummercjali u b`hekk nonostante l-fatt li jistghu ikunu pensjoni/paga/allowance/ghajnuna,* ***hekk kif jigu depositati huma jitilfu in-natura taghhom bhala tali u jigu meqjusa bhala depozitu bankarju.*** (enfasi ta` din il-qorti).

*Dan l-Artikolu jghid li f`kaz ta` salarju, paga eccetera, meta dawn jeccedu Lm300 ossija €698.81 fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru tal-Gustizzja jista`, minn zmien ghal zmien jistabilixxi, il-Qorti tista` tordna li jigi sekwestrat lammont in eccess ta` din is-somma. Pero` d-debitur jista` wkoll jitlob b`rikors bhal fil-kaz in ezami, sabiex il-Qorti thassar `in toto` jew `in parte` l-istess mandat in rigward dan l-eccess jekk jintwera a sodisfazzjoni tal-istess Qorti li d-debitur ghandu bzonn ta` dan l-eccess jew parti minnu ghall-manteniment tieghu jew tal-familja tieghu.*

Premessa din il-gurisprudenza, il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet.

Il-Qorti tifhem li l-bank sekwestratarju, fil-kaz tal-lum HSBC Bank Malta plc, issekwestra l-ammonti li kienu depozitati, minghajr ma joqghod jinvestiga mnejn kienu gejjin il-flus depozitati. Ix-xiehda ta` Audrey Ghigo kienet cara dwar dan. Dak li jinteressa lill-bank sekwestratarju huwa li ma jsirux zbanki skont il-mandat. Ghall-bqija, u ghal dak li ghandu x`jaqsam ma` depoziti, il-kont bankarju jibqa` jopera bl-istess mod bhaz-zmien meta ma kienx sekwestrat.

Din il-Qorti taccetta li s-sekwestratarju ma ghandux jithalla liberu li jirrilaxxja hwejjeg lis-sekwestrat taht il-pretest li s-somma depozitata hija

salarju. Is-sekwestratarju huwa marbut bil-mandat ta` sekwestru li ma jawtorizza l-ebda zbanki u mhuwiex intitolat li jirrilaxxa l-ebda ammonti mill-flejjes li jkun hemm depozitati.

Ladarba jsir id-depozitu ta` s-salarju fil-kont bankarju, dak id-depozitu jitlef in-natura tieghu ta` salarju ghal dak li jirrigwarda provenjenza, u jsir depozitu bankarju.

L-Art 381(1)(a) tal-Kap 12 jitkellem dwar paga jew salarju. U ma jirreferix ghal flejjes formanti parti minn kontijiet bankarji.

Ghalhekk fil-mument li s-salarju jigi depozitat fil-kont, ma jibqax jitqies bhala salarju izda jiehu vesti ta` assi mobbli tar-rikorrenti.

L-ammont jibqa` kkunsidrat salarju biss vis a` vis ir-relazzjoni ta` bejn l-*employer* (fil-kaz tal-lum : il-Gvern ta` Malta) u l-impjegat ossija r-rikorrent.

L-ammont huwa assi mobbli fir-relazzjoni ta` bejn il-bank sekwestratarju u l-klijent ossija ir-rikorrent.

Ghalhekk tajjeb ghamlet din il-Qorti meta fid-digriet taghha tal-31 ta` Awissu 2016 ordnat lis-sekwestratarju u *employer* tar-rikorrent biex mis-salarju, l-ammont ta` EUR 698.81c imur direttament ghand ir-rikorrenti u ma jkunx soggett ghall-effetti tal-mandat de quo. Fid-digriet kien applikat l-Art 381(1)(a) tal-Kap 12 fil-konfront ta` l-*employer* tar-rikorrent.

Fil-kwistjoni li ghandha quddiemha llum, is-sitwazzjoni hija diversa minn dik li kellha qabel inghata d-digriet tal-31 ta` Awissu 2016.

Minkejja l-provenjenza tal-flejjes, dawk il-flejjes spiccaw depozitati go kont tal-bank fl-isem tar-rikorrent.

Kif diga` spjegat, mad-depozitu, il-flus saru parti mill-assi mobbli tar-rikorrent. *Per tanto*, l-Art 381(1)(a) tal-Kap 12 mhux applikabbli.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**